MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-5 ta' Awwissu, 2004

Numru 636/2004

**Il-Pulizija**
**Spettur Anthony Portelli**
**V**

**MARIA TERESA SANCHEZ HERNANDEZ**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputata **MARIA TERESA SANCHEZ HERNANDEZ** ta' sebgha w ghoxrin sena bint Rafael Sanchez Buyolo u Maria Teresa Sanchez Hernandez, imwielda Spanja nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Lulju 1977 u residenti 'Prestige Court', Appartament numru 8, Triq il-Knisja, Paceville, San Giljan, detentrici tal-karta tal-identita numru 48376346D u ta' passaport Spanjol numru AB146029, giet mressqa quddiemha akkuzat talli fl-erbgha w ghoxrin ta' Lulju 2004 f'dawn il-Gzejjer ghamlet qligh ta' aktar minn elf lira maltin b'qerq, bi hsara ta' haddiehor u cioe ta' James Mangion minn San Pawl il-Bahar.

Talli f'dawn il-Gzejjer wkoll bejn l-erbgha w ghoxrin ta' Lulju 2004 u l-erbgha ta' Awissu 2004, wara li sabet hwejjeg li kienu naqsu lil xi psersuna jew li din tkun tilfet, m'gharrfitx bihom fi zmien tlett ijiem lil Pulizija Ezekuttiva.

Semghet l-ammissjoni tal-imputata kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar l-hamsa ta’ Awissu 2004, u cioe fil-jum meta gew mahlufa l-akkuzi odjerni fil-konfront tal-imputata u meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputata wiegbet li hija hatja din l-Qorti wissietha b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba taghha u taghtha zmien xieraq biex jekk trid jerga lura minnha u kien wara li staqsietha t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni taghha.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-stess imputata, l-Qorti tiddikjara li qed issbha hatja tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra taghha.

Il-Qorti qiset is-segwenti fatturi rigwardanti l-piena:

1. L-ammisjoni bikrija tal-imputata sa mill-bidu nett ta’ dawn il-proceduri u cioe mal-presentata u li b’hekk m’inhela ebda hin zejjed tal-Qorti;

2. Il-fatt li ma jirrizultax li l-imputata kienet instabet hajta ta’ xi reat kommess hawn Malta u ghaldaqstant ghandha tigi trattata bhalikieku hija *a first time offender*;

3. Il-ko-operazzjoni tal-imputata mal-Prosekuzzjoni tul l-investigazzjoni kollha kif sahansitra jirrizulta minn dak li ntqal f’dawn il-proceduri;

4. Li r-res furtiva giet kollha ritornata lis-sid legittimu taghha u ghalhekk l-vittma James Mangion ma sofra ebda danni materjali u dan ghaliex huwa gie mhallas

ghas-saldu tal-pretenzjoni li hu setgha kellu kontra l-imputata; u

5. l-fatt li l-imputata tinsab hawn Malta bhala studenta fejn ghaddejja b'kors fil-lingwa Ingliza u ghalhekk mhux fl-interess ta' din il-Qorti li hija taghtiha piena karcerarja.

Ghaldaqstant **il-Qorti**, wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 261( c) u 279 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed **tillibera lil imputata MARIA TERESA SANCHEZ HERNANDEZ bil-kundizzjoni li ma tghamilx reat iehor ghal perjodu ta' sena mill-lum u dan ai termini tal-artikolu 22(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Il-Qorti fissret fi kliem car l-import ta' din s-sentenza lil imputata u l-konsegwenzi taghha f'kaz li hija tonqos li tosservaha li minn naha taghha ddikjarat li fehmet ben tajjeb.

**Il-Qorti tordna ai termini tal-artikolu 401(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta li kopja ta' din is-sentenza flimkien mal-atti ta' din il-kawza jintbaghtu lil Avukat Generali fi zmien tlett ijiem mill-lum.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------